Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,458, 24 ta' Lulju, 2009
Taqsima B

A.L. 212 tal-2009

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tal-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u tal-artikolu 32 tal-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2003 dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 211 tal-2003.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "ADR", għandu jidħol dan li ġej:

" "ADR" tfisser il-Ftehim Ewropew dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża, magħmul f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru, 1957, kif emendat;";

(b) minflok it-tifsira "Parti li tkun Stat" għandu jidħol dan li ġej:

" "Stat li jkun Parti" tfisser Stat li jkun Parti għall-ADR;";

(ċ) minflok it-tifsira "vettura" għandu jidħol dan li ġej:

" "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur li tkun maħsuba għall-użu fit-triq, li jkollha mill-anqas erba' roti u veloċità massima iddisinjata ta' aktar minn 25 kilometru fis-siegħa, u kull *trailer*, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jinsaqu fuq binarji, makkinarju mobbli u *tractors* użati fil-biedja u fil-foresti li ma jimxux b'veloċità li tkun teċċedi 40 kilometru fis-siegħa meta jkunu qegħdin iġorru merkanzija perikoluża.".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "l-Anness B ta' l-ADR ma għandhiex" għandhom jidħlu l-kliem "l-Anness B mal-ADR, kif japplika b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2009, m'għandhiex".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (2) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "jitħallew jidħlu f'Malta jew fil-Komunità" għandhom jidħlu l-kliem "jitħallew jidħlu f'Malta jew joħorġu minn Malta".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (1) tar-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Parti li tkun Stat" għandhom jidħlu l-kliem "Stat li jkun Parti".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "Parti li tkun Stat ieħor" għandhom jidħlu l-kliem "Stat li jkun Parti ieħor".